

## SKEJJEL U ISTITUZZJONIJIET EDUKATTIVI

B'effett **minn għada**, se jingħalqu **l-istituzzjonijiet edukattivi kollha**; **primarja**, **sekondarja**, **post-sekondarja** u **terzjarja (inkluż l-Universita)**. Se jingħalqu wkoll **iċ-childcare centres**. L-għeluq ta' dawn l-istituzzjonijiet se japplika għal **perjodu ta' ġimgħa (sal-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2020)**. Wara ssir revizjoni tas-sitwazzjoni u jingħataw id-direttivi meħtieġa.



## ATTIVITAJIET TAL-MASSA

B'effett immedjat, **ma jistgħux isiru attivitajiet tal-massa**, ħlief jekk strettament neċessarji. **Il-poplu m'għandux jattendi attivitajiet tal-massa li mhux meħtieġa**. B'koperazzjoni mal-MFA, **il-logħob kollu tal-Premier, l-ewwel, it-tieni u t-tielet diviżjoni, kif ukoll tal-U19s se jintlagħab bil-bibien magħluqa**.



## KWARANTINA MANDATORJA

Kull min kien **Franza**, **Spanja**, **l-Isvizzera** u **l-Ġermanja mill-11 ta' Marzu 2020 'il quddiem** għandu jagħmel **14-il ġurnata ta' kwarantina mandatorja fir-residenza tiegħu/tagħha flimkien man-nies li jgħixu f'dik id-dar**. Min kien **l-Italja**, **iċ-Ċina (inkluż Hong Kong)**, **Singapore**, **Ġappun**, **l-Iran** u **l-Korea t'Isfel mis-27 ta' Frar 2020 'il quddiem għandu jagħmel 14-il ġurnata ta' kwarantina mandatorja sa mill-aħħar jum li l-persuni jkunu għamlu f'dawk il-pajjiżi**. Din il-kwarantina hija **obbligatorja infurzata mill-Pulizija ta' Malta** u min jiksirha se jeħel multa ta' **€1000 kull darba li jinstab barra mir-residenza tiegħu**. Intant, sakemm isir avviz ieħor, **mhux se jkun hemm titjiriet bl-ajru u vvjaġġar bil-baħar** bejn Malta u l-Italja, Franza, Spanja, l-Isvizzera u l-Ġermanja.



## APPELLI MILL-GVERN TA' MALTA

Il-Gvern **mhux se jittollera sitwazzjoni** fejn jagħti direzzjoni mod, u jkun hemm min jinstiga li l-affarijiet isiru mod ieħor. Dan huwa **l-mument fejn nuru rispett lejn xulxin**. B'hekk nistgħu nżommu is-sitwazzjoni **taħt kontroll**, **bil-kalma** u **bla ħtieġa ta' ebda paniku**. Din **mhux sfida ta' Gvern** imma ta' **pajjiż**. Iktar kemm naffrontawha flimkien **bħala nazzjon, iktar noħorġu minnha malajr**. **Is-saħħa tal-poplu hija l-ewwel prijorità**.



## KAŻIJIEŢ TAL-COVID F'PAJJIŻNA SA ISSA

Sa issa f'**pajjiżna ġew ikkonfermati 9 każijiet ta' Coronavirus**. Kollha impurtati minn **pajjiżi barranin**. **7 każijiet ittieħdu mill-Italja**. Każ ittieħed mill-**Belġju u każ ieħor mill-Germanja (il-persuna rritornat minn Amsterdam)**. **4 huma irġiel**, **3 huma nisa**, **waħda hija addoloxxenti u waħda hija tifla**. **7 każijiet huma barranin residenti f'Malta**. **2 każijiet huma Maltin** li ħadu l-virus **minn barra**. Il-persuni **kollha** jinsabu **f'kundizzjoni ta' saħħa tajba**.



## HELPLINES

**111** – Għall-persuni li **jħossu sintomi tal-COVID-19** jew jixtieq **iktar informazzjoni**;

**+356 2204 2200** – Għar-residenti Maltin li **nqabdu f'wieħed mill-pajjiżi ta' riskju għoli u jridu jiġu lura Malta**;

**+356 21411 411** – Għall-persuni fi **kwarantina mandatorja** li għandhom bżonn **provvista ta' ikel u mediċini**.